MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Avviz Numru. 432/2012

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 2965/2012 fl-ismijiet:**

**Michael Attard Limited (C32362)**
**vs**
**Carmelo maghruf bhala Charles Vassallo u Salvina Vassallo**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Carmelo maghruf bhala Charles Vassallo u Salvina Vassallo li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti fil-21 ta’ Dicembru, 2012 fejn talbu:

*“Illi r-rikorrenti taghmel referenza ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju intavolat nhar il-31 ta’ Ottubru 2012 fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Carmelo maghruf bhala Charles Vassallo u Salvina Vassallo.*

*Illi r-rikorrenti jigbdu l-attenzjoni ghall-fatt li kemm Carmelo Vassallo kif ukoll martu Salvina Vassallo huma t-tnejn pensjonanti kif wiehed jista' jinduna mill-kopji tal-karti tal-anzjan hawn annessi mmarkati bhala Dokument A1 u A2. Illi jidher car u evidenti li l-intimati huma t-tnejn pensjonanti;*

*Illi l-esponenti konjugi Vassallo jirievu l-pensjonijiet taghhom it-tnejn gewwa l-Bank of Valletta PLC fejn l-esponenti Salvina Vassallo tircievi l-pensjoni taghha fil-kont mal-Bank of Valletta PLC 40014684867 mentri Carmelo Vassallo wkoll jircievi l-pensjoni tieghu gewwa l-Bank of Valletta PLC. Illi dawn iz-zewgt pensjonijiet jidhru fid-dokument B1 u B2 anness;*

*Illi l-esponenti konjugi Vassallo jaghmlu referenza wkoll ghall-artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12, fejn il-ligi hija tassattiva li ma jistax jinhareg mandat ta' sekwestru fuq il-pensjoni ta' l-istess intimati;*

*Illi r-rikorrenti ghalhekk jinsabu ferm pregudikati billi nqabbdu l-pensjoni taghhom b'dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 2965/2012, ghax-xahar ta' Novembru 2012 u Dicembru 2012 inkluz kwalunkwe bonuses li jippercepixxu mill-istess pensjoni taghhom u sejrin jinqabdu aktar pensjonijiet taghhom jekk kemm il-darba dan il-mandat ma jigix imnehhi fuq il-kontijiet bankarji ta' l-istess intimati konjugi Vassallo, dejjem a rigward l-introjti taghhom mill-pensjonijiet li jircievu mill-Gvern ta' Malta u senjatament mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali;*

*Illi minhabba f'hekk, u in vista tal-fatt li l-esponenti konjugi Vassallo jinsabu ferm pregudikati billi lanqas ma ghandhom sabiex jghixu ghax inqabad il-pensjonijiet rispettivi tal-intimati, l-esponenti jitolbu bir-rispett tirriforma u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 2965/2012, fl-ismijiet hawn fuq premessi, billi thalli u tawtorizza lill-istess esponenti:*

*1. Johorgu u jizbankaw l-pensjonijiet taghhom rispettivi mill-kontijiet rispettivi taghhom mal-Bank of Valletta PLC,*

*ghax-xhur Novembru 2012 u Dicembru 2012 inkluz kwalunkwe bonuses li setghu ppercepixxew u dan in virtu' ta' l-artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12;*

*2. Jigi revokat il-mandat ta' sekwestru 2965/2012 u dan in parti, billi dawk id-direct transfers ta' pensjonijiet, beneficcji u bonuses futuri mill-Gvern ta' Malta u senjatament mid-Dipartiment Ghas-Sigurta' Socjali li huma ntestati f'isem l-esponenti Carmelo maghruf bhala Charles Vassallo ID. 90343(M) u Salvina Vassallo ID. 216746(M) jitkomplew jigu zbankati u dan b'mod normali u regolari mill-istess esponenti u dan sakemm ikun hemm ezitu finali tal-kawza b'avviz numru 46/2012 fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Carmelo maghruf bhala Charles Vassallo et li jinsab quddiem l-Onor Dr Deborah Mifsud Agius LLD;*

*Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka 'contrario imperio' tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2965/2012 fis-sens kif hawn fuq mitlub, fl-ismijiet hawn fuq indikati, taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma xierqa fic-cirkostanzi, inkluz u jekk hemm bzonn li s-sekwestranti ghandhom ihallsu l-ispejjez kollha tal-esponenti konjugi Vassallo, minhabba dawn il-proceduri, inkluz (jekk saru) dawk ic-cedoli ntavolati mill-Bank of Valletta PLC fi rigward ta' dan il-mandat u fi rigward il-pensjonijiet taghhom rispettivi."*

Illi nhar it-18 ta' Marzu xehed **Romould Attard**, rapprezentant tal-Bank of Valletta u kkonferma li r-rikorrenti Carmel Vassallo ghandu zewg kontijiet mal-Bank of Valletta - wiehed tal-ghamla Savings bin-numru 146050065012 kif indikat fid-dok BOV 1 esebit minnu seduta stante u l-iehor intestat Carmel Vassallo A/C Leanne ukoll tal-ghamla Savings bin-numru tal-kont 40014688339 kif indikat fid-dokument immarkat bhala Dok BOV 2 esebit fl-atti. Ikkonferma wkoll li r-rikorrenti Salvina k/a Sylvia ghandha kont tal-ghamla Savings bin-numru tal-kont 40014684867 skond id-dokument BOV 3 esebit fl-atti minnu seduta stante. Spjega li z-zewg rikorrenti jircievu fil-kontijiet rispettivi taghhom xi flejjes

rapprezentanti pensjoni u xi beneficcji socjali fil-kontijiet taghhom flimkien ma' xi introjtu iehor. Spjega wkoll li fit-22 ta' Frar 2013 sar withdrawal mill-kont tar-rikorrenti Carmel fl-ammont ta' €1,087.97 billi dawn il-flejjes gew depositati l-Qorti wara li l-Bank kien gie notifikat bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-klijent rikorrenti Carmel Vassallo. Ikkonferma wkoll li fl-istess jum giet depozitata wkoll is-somma ta' Euro 1087.98 fil-bini tal-Qorti mehuda mill-kont tar-rikorrenti Salvina Vassallo u dan ghall-istess raguni sabiex il-Bank jaderixxi ruhu mat-talba tal-mandat ta' sekwestru li hareg fil-konfront tal-klijenta taghhom.

Fl-istess jum xehed **George Cremona** ghan-nom tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u spjega li r-rikorrenti Carmel Vassallo jircievi pensjoni minghand il-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' €86.55 fil-gimgha oltre weekly bonus ta' €3.12 u six monthly bonus fl-ammont ta' €5.20 kif jirrizulta mid-dokument esebit minnu mmarkat bhala Dok SS2. Qal ukoll li r-rikorrenti Salvina tircievi pensjoni ohra fl-ammont ta' €53.53 fil-gimgha oltre €3.12 bhala weekly bonus u € 5.20 bhala six monthly Bonus kif muri fid-Dok SS1.

Rat ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorjunumru 2965/2012 mahrug minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet '**Michael Attard Limited vs Carmelo Vassallo et'** u dan ghall-ammont ta' elfejn u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€2,090.14) bhala sorte esebit mir-rikorrenti seduta stante nhar it-18 ta' Marzu 2013.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2013 gie vverbalizzat minn Dr Reuben Farrugia li s-socjeta' intimata kienet ipprezentat ir-risposta taghha izda minkejja dan, skond in-nota pprezentata mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata 3 ta' April 2013 jirrizulta li din qatt ma giet ipprezentata fl-atti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza nhar it-18 ta' Marzu 2013 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti isostni li s-socjeta' intimata ma kellha l-ebda dritt tohrog mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq il-kontijiet bankarji tar-rikorrenti stante li fihom hemm depositati il-pensjonijiet taghhom li huma kawtelati mil-ligi u appuntu bl-Artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12. L-avukat difensur tas-socjeta' intimata sostna li l-ligi ma tipprojbixxix il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq kontijiet bankarji izda tipprojbixxi s-sekwestrar ta' pensjonijiet. Jghid li una volta l-pensjoni tigi depositata f'kont bankarju, tali depositu jiznatura ruhu fis-sens li ma jibqax protett bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12** u ghalhekk huwa sekwestrabbli

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghanda ticcita dak li jipprovdi l-artikolu 381(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

***"381,*** *(1) Ma jistghux jinhargu mandati ta' sekwestru fuq –*
*(a) salarju jew paga (maghdudin il-bonus, allowances, overtime u hlasijiet ohra);*
*(b) beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Socjali jew pensjoni jew allowance ohra ta' persuna li tinhargilha pensjoni minghand il-Gvern;"*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-19 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet '**Horace (K.I. Nru 331582M) u Roseanne (K.I. Nru. 533086M), konjugi Scicluna vs Silvio Zahra (K.I. Nru 305574M) u Wendy Conti (K.I.Nru 159172M)',** fejn ghamlet referenza specifika ghal dan l-artikolu appena citat. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji ikunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta is-sekwestrarji ikunu il-banek. Dan ghaliex hekk kif flejjes jigu depozitati f'kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b'hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu pensjoni/paga/allowance/ghajnuna, hekk kif jigu*

*depositati huma jitilfu in-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju."*

*Fil-fatt anke fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta, liema sentenza nghatat fit-2 ta' Novembru 2011 – Avviz Nru 314/2011– fl-ismijiet '**Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis u Lorry Theuma'** – din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati cahdet rikors simili ghal dak odjern u sostniet:*

*"Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jircievi minn Gvern barrani izda fuq luniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti, jipposjedi. Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tigi depositata direttament fl-istess kont u ghalhekk tigi soggetta ghall-mandat in esami. Minhabba f'hekk, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tista' tilqa' t-talbiet maghmulin mill-istess rikorrenti"*

*Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet '**Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel'** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet is-segwenti:*

*'Terga', din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' lappellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u, allura, strettament l-**Artikolu 381** tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'. Li kieku kellu jigi ragunat mod iehor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jigi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depoziti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes ohra ghal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan certament mhux dak li tghid jew trid il-ligi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depoziti bankarji, hu x'inhu s-sors taghhom. Mhux lecitu, allura, li, kif esprimew id-decizjonijiet succitati, il-qaghda tas-sekwestru de quo tigi estiza oltre dawk l-ezenjonijiet partikolarment dettati f'dak l-artikolu. Isegwi anke minn*

*dan illi dak akkampat mill-appellanti huwa sostanzjalment inaccettabbli u guridikament insostenibbli."*

*Illi a bazi ta' dawn is-sentenzi ebda ordni ma tista' tinghata minn din il-Qorti fil-konfront ta' dawk il-flejjes li kienu depozitati go kontijiet bankarji u li gew maqbuda bis-sekwestru de quo, nonostante l-fatt li setghu kienu pagi jew pensjoni. Dan anke fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-ismijiet '**Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel'** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet 'illi kull disposizzjoni singola prevvista mill-Artikolu 381 ma tistax tigi estiza oltre il-kazijiet f'dan l-istess artikolu espress'.'*

Illi, premess kif diga' inghad li dan il-beneficcju ta' pensjoni u beneficcji ohra socjali qed jigu depositati fil-kont bankarju tal-istess rikorrenti, l-ammonti depositati jidhlu fl-assi generali taghhom u ghalhekk, wara dan id-depositu jista' jkun soggett skont il-ligi ghall-mandat ta' sekwestru in ezami flimkien ma' flejjes ohra li jkunu depositati wkoll.

**In vista tal-premess, ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba rikorrenti ghar-revoka contrario imperio tad-digriet taghha fejn ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet 'MichaelAttard Limited vs Carmel Vassallo et' bin-numru 2965/2012.**

**Tordna li minhabba ic-cirostanzi tal-kaz l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------